**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT

**LAQGĦA NUMRU 34 – IT-TLIETA, 21 TA' MEJJU 2013 FIS-6.30PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| | Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| | Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Salvatore Mousù | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | | |
| | Janet Barthet | Membru |

**1 Minuti Numru 33**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Iċ-*Chairman*, esprima ruħu li huwa tassew diżappuntat li TM stiednet biss lis-Sindku għall-Information Session tal-Junction Upgrade tal-Kappara. Huwa diżappuntat ukoll li s-Sindku aċċetta li jmur għal dan l-appuntament mingħajr rappreżentat tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. Ġie deċiż li ċ-Chairman jibgħat email lil TM u lis-Sindku biex jindika dan is-sentiment.

2.2 Ġiet innutata ittra minn resident minn Triq Wied Għollieqa. Dan l-ilment kien rigward inkonvenjenzi minn xogħol ta kostruzzjoni f'biċċa art privata kif ukoll nuqqas ta' parkeġġ minħabba studenti tal-Università.

**2.3** Ġiet innutata ittra minn resident minn Triq il-Ġojjin rigward l-istat ħażin tat-triq, in-nuqqas ta' tindif u mera mkissra.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Is-Sur Alfred Mangion staqsa jekk kienx hemm risposta minn TM għall-ittra li ntbagħtet fuq il-parkeġġ fuq il-bankina fi Triq tas-Sliema u t-talba li saret

lill-Ministru Joe Mizzi għal-laqgħa. Ir-risposti ma waslux. Għandha tinbagħat reminder.

3.2 Is-Sur Alfred Mangion irrimarka fuq l-istat ħażin ta' Triq Birkirkara. Għandha tinbagħat ittra lill-Ministeru flimkien ma' ritratti tat-triq.

3.3 Is-Sur Salvatore Mousù lmenta fuq il-ħaddiema li jiġbru l-iskart domestiku li ma jilbsux l-ingwanti. Għandha tintbagħat ittra lill-Health and Safety Authority fuq dan.

3.4 Is-Sur Salvatore Mousù ippreżenta draft ta' kif għandha tiġi l-irħama tas-Sur Oreste Kirkop. Għandha ssir site visit aktar 'il quddiem.

3.5 Għandha tinbagħat ittra lis-Sur David Mallia tal-MEPA biex tikkonferma li l-pożizzjoni tal-Kumitat hija bħal dik ikkomunikata diġà mis-Sur Mousù rigward żvillup ta' farmhouse antika fi Triq Antonio Schembri.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 11 ta' Ġunju 2013 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Dr Frank Bartolo** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |